# 267. In-Nar tal-Festa

Il-vara dieħla,
telgħin murtali,
u timla s-sema
l-kaxxa nfernali;

damdim u ħsejjes
mingħajr waqfien
u ’l isfel nieżla
xita nirien.

Hemmhi tarbija
imwerwra d-dar,
b’suffejra f’wiċċha
diġa’ musfar.

X’jimporta, ruħi,
x’jimporta dan,
jekk in-nar jogħġob,
lill-kappillan?

Hemm moribond
ġewwa l-isptar;
kemm qed iweġġgħu
dan l-isparar!

X’jimporta ruħi,
x’jimporta dan,
jekk in-nar jogħġob
lill-kappillan?

Sufarell niżel
u tafu x’ġara?
minn għajnha l-waħda
dan għama mara!

X’jimporta ruħi,
x’jimporta dan,
jekk in-nar jogħġob
lill-kappillan?

Ara x’ħuġġieġa!
xi sufarell
qabbad il-qiegħa,
qabbad munzell!

X’jimporta ruħi,
x’jimporta dan,
jekk in-nar jogħġob
lill-kappillan?

Ftit ilu l-kamra
tan-nar splodiet
għamlet iltiema
lil tnax ulied!

X’jimporta ruħi,
x’jimporta dan,
jekk in-nar jogħġob
lill-kappillan?

U meta jieqaf
dan l-isparar,
min jgħin ’l-imsejkna
vittmi tan-nar?

Dawk jgħinhom Alla
jew ix-xitan,
u x’għandu x’jaqsam
il-kappillan?

Għall-ġid komuni
xi ftit tan-nies
jaħtieġ li jbatu,
anki bla qies;

In-nar tal-festa
hemm bżonn li jsir,
– ngħiduh bejnietna,
parti mill-ġbir,

Tmur fil-portmoni
tal-kappillan
b’jedd ta’ prokura –
apparti dan,

Bin-nar tal-festa
kulħadd jithenna,
jersaq lejn Alla
u jmur il-ġenna.

Arah jitgħaxxaq
b’wiċċu daħkan,
hemm ħdejn il-vara
il-kappillan!

Kelmtu fl-art torbot,
u fis-smewwiet,
il-ġemgħa għandha
tobdi bil-kwiet.

Aħraq u tella’,
spara l-murtali,
ħa timla s-sema
l-kaxxa nfernali;

Ġib tlieta tlieta
aħraq u spara,
isa, għaliex dieħla
fil-bieb il-vara!